QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 21 TA’ GUNJU 2002

Avviz Nru 276/02DM

Garib Gab Mohamed

vs

Il-Kaptan Khaled Mohamed Elsayed ghan-nom u in rapprezentanza tal-bastiment ‘Marwa M’ u ghan-nom u in rapprezentanza tas-sidien tieghu Mohamed Abdullah Hassan, Mohamed Nagi Farag Sarhan u Amazing Sail Navigational Services S. A.

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut fil-kwalita’ premessa tieghu sabiex dan jigi kkundannat ihallas is-somma komplessiva ta’ tlett elef erba’ mija u sitta u sittin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm3,466.43) dovuti minnhu in kwantu ghas-somma ta’ tlett elef tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm3,366.43) l-ekwivalent ta’ sebat elef mitejn u disghin Dollaru Amerikan ($7,290) rapprezentanti pagi mhux imhallsa minnhu ghal xoghol ta’ l-attur fir-rank ta’ oiler fuq il-bastiment Marwa M sad-19 ta’ April 2002 u, in kwantu ghas-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) bhala spejjez ta’ ripatrijazzjoni tal-istess attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut fil-kwalita premessa, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut deher personalment fis-seduta tal-llum u ammetta t-talbiet attrici

Ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma mitluba ta' tlett elef erba' mija u sitta u sittin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm3,466.43) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-25 t'April tas-sena 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ38